**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 461/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Frankie Pace**
**(ID 319679(M))**

**Illum: 5 ta' Mejju 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Frankie Pace** ta' 34 sena, iben Lawrence u Mary nee` Psaila, imwieled il-Pieta` nhar l-4 ta' Lulju 1979, residenti ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 319679(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-30 ta` Awwissu 2013 u matul il-ġimgħat ta' qabel din id-data, ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, Paola:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar

il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Ittenta jagħmel reat kontra din l-Ordinanza, jew ħajjar jew ġiegħel persuna oħra tagħmel dak ir-reat ai termini tal-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli bħala persuna li mhux impjegata fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, mingħajr l-awtorita` leġittima, daħħal jew ipprova jdaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett, ikun li jkun, li huma pprojbiti skont xi regolamenti magħmula skont dan l-Att, jew ġarr jew ipprova jġorr xi oġġett bħal dawk barra minn xi ħabs, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat ukoll illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li m'għandux oġġezzjoni sabiex il-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, kif ukoll illi m'huwiex ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu[2];

Rat in oltre il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali, sabiex il-każ odjern jiġi trattat bi proċedura sommarja[3];

Rat in oltre illi l-kawża odjerna ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tat-30 ta' April 2014;

---

[1] A fol. 46 tal-proċess.
[2] Ara l-eżami tal-imputat, a fol. 50 tal-proċess.
[3] A fol. 45 tal-proċess.

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta[4];

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi nhar it-30 ta' Awwissu 2013, għall-ħabta tat-3:00 p.m., ċertu **David Scicluna** daħal ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin bil-vettura tal-għamla Kelisa bin-numru ta' reġistrazzjoni IAK 525 sabiex jikkonsenja xi xogħol relatat ma' tindif ġewwa l-i*stores* tal-istess Faċilita` u hekk kif kien jinsab bejn l-ewwel kanċell tal-ħabs u t-tieni wieħed, saritlu tfittxija fil-vettura misjuqa minnu mill-gwardjani tal-ħabs. In kontro-eżami **ex PC 234 Anthony Tonna**, li kien wieħed mill-Uffiċċjali tal-Ħabs illi wettqu din it-tfittxija, jixhed illi hekk kif Scicluna ġie biex jidħol ġewwa l-Faċilita` "*beda jaghmel movimenti mhux normali, fis-sens, diehel, hiereg, ha jirriversja*"[5] u għalhekk qanqlihom suspett li wassal għat-tfittxija in kwistjoni. Jirriżulta in oltre illi matul din it-tfittxija li saret mill-istess **PC 234 Anthony Tonna**, mill-**Maġġur Frans Agius** u minn **ASCO Clint Zahra**, instabu kaxxa tas-sulfarini mdaqqsa li kien fiha borża tal-plastik bit-trab kannella suspettat eroina ħdejn il-*gear lever,* romblu *foil* fuq is-*seat* ta' wara u flixkun tal-plastik tal-*Coca Cola* b'likwidu ħadrani suspettat *methadone*.[6] Tfittxija ulterjuri fil-vettura misjuqa minn David Scicluna u fir-residenza tiegħu, kif ukoll f'garaxx irriżultaw fin-negattiv. Dakinhar stess tat-30 ta' Awwissu 2013, l-istess David Scicluna rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva, li fiha stqarr illi d-droga eroina li nstabet fil-vettura kienet intiża għall-priġunier imlaqqam '*Il-Fucker*", li kien ikun fl-i*store* tal-Faċilita` meta huwa jikkonsenja x-xogħol, liema priġunier flimkien ma' priġunieri oħrajn, kien iħott l-istess xogħol sabiex jiddaħħal fl-i*stores*. Jistqarr ukoll illi fil-jum ta' qabel, ossia għalhekk nhar id-29 ta' Awwissu 2013, huwa kkonsenja kampjun tal-eroina lill-istess priġunier f'piż ta' madwar 0.3 gramma. L-għada nhar il-31 ta' Awwissu 2013, Scicluna rrilaxxja t-tieni stqarrija tiegħu lill-Pulizija Eżekuttiva fejn din id-darba indika lill-persuna li mingħandha kien akkwista d-droga eroina fiż-żewġ okkażżjonijiet u fl-istess jum, huwa kkonferma ż-żewġ stqarrijiet tiegħu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat (illum l-Onor. Imħallef) Dr. Consuelo Scerri

---

[4] A fol. 152 tal-proċess.

[5] A fol 197 tal-proċess. Mix-xhieda tal-**Maġġur Frans Agius** jirriżulta wkoll illi fi kliemu Scicluna "*ma kienx f'postu ma kien f'postu xejn*" (a fol. 94 tal-proċess).

[6] Ara r-ritratti tal-oġġetti msemmija, kif ukoll deskrizzjoni tal-oġġetti hekk elevati fir-relazzjoni konġunta ta' **PS 46 Charlot Casha** u **PS 1184 Patrick Grech** maħtura bħala *Scene of Crime Officers* mill-Maġistrat Inkwirenti (ara l-proċess verbal a fol. 61 tal-proċess), esebita bħala Dok. CC, a fol. 114 *et seq* tal-proċess, kif ukoll ix-xhieda ta' **PS 46 Charlot Casha**, a fol. 111 *et seq* tal-proċess. Id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tħarrek lil **PS 1184 Patrick Grech** sabiex jikkonferma din ir-relazzjoni (ara a fol. 109 B tal-proċess).

Herrera, fejn identifika lill-imputat odjern fuq ritratt minn sett ta' ritratti murija lilu, bħala l-persuna ossia l-priġunier li huwa jindika bħala l-*Fucker*.[7] Jirriżulta wkoll illi dakinhar stess David Scicluna ġie mressaq quddiem il-Qorti fejn ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu in konnessjoni ma' dan il-każ. L-istess David Scicluna xehed ukoll f'dawn il-proċeduri, fejn *inter alia* irritratta minn dak li kien stqarr fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu u ċaħad illi l-imputat odjern kien involut f'dan il-każ jew illi d-droga in kwistjoni kienet intiża għalih.[8]

L-imputat odjern, **Frankie Pace**, irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar il-31 ta' Awwissu 2013, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx.[9] Fl-istqarrija rilaxxjata minnu huwa nnega l-allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tiegħu.[10]

Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut** maħtur fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ[11], esebita bħala Dok. GS[12], jirriżulta illi huwa ngħata dokument wieħed mingħand PS 46 Charlot Casha għall-analiżi tiegħu u ċioe` s-segwenti:

i. *Evidence bag* bin-numru **802382** li kien issiġillat u ffirmat u kien fih: (i) romblu *aluminium foil*; (ii) kaxxa tas-sulfarini; u (iii) borża tal-plastik żgħira u trasparenti li fiha trab ta' lewn kannella. Dan ġie mogħti l-kodiċi tal-laboratorju 251_13_01;

ii. *Evidence bag* bin-numru **S00568785** li kien issiġillat u ffirmat u fih kien hemm: flixkun tal-*Coca Cola* li fih likwidu ta' lewn aħdar. Dan ġie mogħti l-kodiċi tal-laboratorju 251_13_02.

Dwar dan id-dokument, ix-**Xjenzat Godwin Sammut** ikkonkluda bil-mod segwenti:

---

[7] Ara l-proċess verbal dwar "*Stqarrija guramentata ta' David Scicluna detentur tal-karta tal-identita` numru 322584M mehuda nhar il-31 ta' Awwissu 2013*", esebita a fol. 61 tal-proċess.

[8] Ara x-xhieda ta' **David Scicluna**, a fol. 124 *et seq* tal-proċess u a fol. 147 *et seq* tal-proċess.

[9] Ara a fol. 3 *et seq* tal-proċess.

[10] Ara x-xhieda tal-**Ispettur Spiridione Zammit in eżami** u **in kontro-eżami**, a fol. 62 *et seq* tal-proċess; ix-xhieda **in eżami** u **in kontro-eżami** tal-**Ispettur Herman Mula**, a fol. 77 *et seq* tal-proċess u l-**kontro-eżami ulterjuri** tiegħu, a fol. 202 *et seq* tal-proċess; ix-xhieda ta' **WPS 110 Maria Scicluna** u r-rapport minnha esebit, a fol. 83 *et seq* tal-proċess; ix-xhieda tal-**Maġġur Frans Agius**, a fol. 93 *et seq* tal-proċess; ix-xhieda ta' **PC 234 Anthony Tonna**, a fol. 96 *et seq* tal-proċess u x-xhieda tiegħu **in kontro-eżami**, a fol. 195 *et seq* tal-proċess; ix-xhieda ta' **ASCO Clint Zahra**, a fol. 99 *et seq* tal-proċess u x-xhieda tiegħu **in kontro-eżami**, a fol. 189 *et seq* tal-proċess; ix-xhieda ta' **PC 1295 Dylan Abela**, a fol. 104 *et seq* tal-proċess u x-xhieda ta' **WPC 44 Graziella Sciberras**, a fol. 102 *et seq* tal-proċess.

[11] Ara d-digriet a fol. 4 tal-proċess verbal tal-inkjesta "*dwar sustanza allegatament droga u affarijiet relatati mad-droga misjuba fil-vettura tal-ghamla Kelisa bin-numru ta' registrazzjoni IAK 525 misjuqa minn David Scicluna, li kien ser iqassam xi xoghol gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin nhar it-30 ta' Awissu 2013*", redatt mill-Maġistrat (illum l-Onor. Imħallef) Dr. Giovanni Grixti, liema proċess verbal jinsab esebit a fol. 61 tal-proċess.

[12] A fol. 175 *et seq* tal-proċess.

(a) Illi fl-estratt meħud mit-trab ta' lewn kannella fid-dokument 251_13_01 instabet is-sustanza *eroina*. Il-piż total tas-sustanza kien ta' 0.57 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 32%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) Illi fl-estratt meħud mil-likwidu ta' lewn aħdar li hemm fid-dokument 251_13_02 instabet is-sustanza *Methadone*. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[13]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, jeħtieġ illi l-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar il-31 ta' Awwissu 2013, liema stqarrija ġiet rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi u l-jedd illi jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema jedd huwa għażel li ma jeżerċitahx. L-imputat ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju u dan għaliex fiż-żmien in kwistjoni, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna arrestata b'dan id-dritt li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Il-Qorti tqis illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat għażel li ma jweġibx għal numru ta' domandi li sarulu, kif kellu kull dritt li jagħmel. Għalkemm ma nkriminax ruħu bir-risposti tiegħu fis-sens restrittiv tal-kelma u dan billi nnega xi nvolviment da parti tiegħu f'dan il-każ, biss b'xi tweġibiet tiegħu, huwa kkorrobora xi wħud mid-dikjarazzjonijiet tax-xhud David Scicluna. Fiċ-ċirkostanzi, u fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, is-sentenzi fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et** (Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' Ottubru 2018), **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **Clive Dimech vs Avukat Ġenerali** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022), il-Qorti qed tiskarta l-istqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd ta' assistenza legali bħala nieqsa minn valur probatorju.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

[13] Ara wkoll ix-xhieda tax-**Xjenzat Godwin Sammut**, a fol. 173 *et seq* tal-proċess.

Illi fil-każ odjern, id-difiża m'hijiex tikkontesta s-sejba tad-droga eroina fil-pussess tax-xhud David Scicluna fil-jum in kwistjoni, hekk kif huwa kien dieħel ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin – fatt dan li jirriżulta ċar u ppruvat mill-atti proċesswali - iżda tikkontesta illi din id-droga eroina kienet intiża għall-imputat, kuntrarjament għalhekk għal dak li jiddikjara Scicluna fl-istqarrija ġuramentata minnu nhar il-31 ta' Awwissu 2013 jew illi Scicluna qatt għadda xi droga eroina lill-imputat ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, kif jgħid Scicluna fl-istess stqarrija. Id-difiża lanqas ma tikkontesta illi l-imputat qua priġunier kien fil-fatt jaħdem fl-i*stores* ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, kif wara kollox jirriżulta mill-istqarrijiet ġuramentati ta' Scicluna u mix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri.

Fir-rigward, fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża tissenjala l-fatt illi appena saret it-tfittxija fil-vettura tal-imputat, Scicluna qal illi d-droga eroina in kwistjoni kienet intiża għall-użu tiegħu. Dwar dan il-Qorti tinnota illi **WPS 110 Maria Scicluna** tixhed illi fuq il-post fejn twaqqfet il-vettura, hija kellmet lil Scicluna wara li nstabet l-eroina, li qalilha li din kienet għall-użu personali tiegħu u li kien nesiha fil-vettura. Iżżid tgħid illi Scicluna kien "*ecitat immens igifieri, bilkemm setgha jitkellem*".[14] In kwantu l-likwidu fl-istess vettura li rriżulta li kien jikkontjeni l-*methadone,* l-istess xhud tixhed ukoll illi Scicluna qalilhom li dan ukoll kien tiegħu, stante illi kien qed jipprova jaqta' l-vizzju tal-eroina.

Sussegwentement madankollu, Scicluna stqarr illi din id-droga kienet intiża għall-imputat odjern, kif ukoll illi fil-jum ta' qabel kien għaddielu kampjun tal-eroina.

Fir-rigward, fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża tirreferi għall-kampjuni tal-urina li ttieħdu lill-imputat odjern, fuq talba tad-difiża, liema kampjuni rriżultaw fin-negattiv għal teħid ta' sustanzi lleċiti. Dwar dan il-Qorti tosserva illi l-provi mressqa dwar din l-analiżi huma s-segwenti:

Fil-jum li fih tressaq l-imputat quddiem il-Qorti u ġie mixli bl-imputazzjonijiet odjerni, ossia nhar it-2 ta' Settembru 2013, id-difiża talbet illi jsiru eżamijiet jew testijiet għall-presenza ta' sustanza ta' droga lill-istess imputat.[15] Għalkemm ma jirriżultax mill-verbal ta' dik is-seduta illi l-Qorti laqgħet jew ċaħdet dik it-talba, fis-seduta sussegwenti tas-16 ta' Settembru 2013, ġie verbalizzat illi "*Il-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li s-sample li gie ordnat li jittiehed fil-verbal tal-ahhar seduta sar u jinsab ghand l-ufficjali tal-habs*".[16] Dakinhar din il-Qorti kif diversament preseduta, ħatret lil **Dr. Mario Scerri** sabiex jagħmel analizi ta'

---

[14] A fol. 84 tal-proċess.
[15] A fol. 47 tal-proċess.
[16] A fol. 58 tal-proċess.

dan is-*sample* għal sustanzi lleċiti wara li jiġbor l-istess *sample* huwa stess mill-ħabs.

Fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2013, **CO 162 Johann Degabriele** jixhed illi huwa ġie ordnat sabiex jieħu kampjun tal-urina lill-imputat u hekk għamel. Jgħid in oltre illi dan issiġillah u għaddieh lil Dr. Mario Scerri. Mistoqsi dwar id-data, huwa jindika s-16 ta' Settembru ossia għalhekk, id-data tas-seduta li fiha nħatar Dr. Mario Scerri għal għan fuq indikat, tant illi x-xhud ikompli jżid "*Wara l-Qorti, kellu l-Qorti dakinhar*".[17] Meta ġie ssuġġerit lix-xhud mill-Qorti "*Igifieri fis-16 ta' Settembru hadtlu l-urine test*", ix-xhud iwieġeb "*Ghax kellu 'urine sample'*". Mistoqsi meta kien li Dr. Mario Scerri ġabar dan il-kampjun, huwa jwieġeb "*Dakinhar stess*".[18] Għall-Qorti mhux ċar minn din ix-xhieda jekk id-data tas-16 ta' Settembru 2013 kinitx id-data li fiha x-xhud ħa l-kampjun tal-urina lill-imputat u għaddieh lill-espert maħtur jew sempliċiment illi dakinhar huwa għadda l-kampjun lil Dr. Scerri. Mill-verbal tas-seduta tas-16 ta' Settembru 2013, madankollu, jirriżulta illi l-kampjun kien diġa` ttieħed qabel is-seduta.

Da parti tiegħu **Dr. Mario Scerri** jixhed billi jikkonferma illi l-kampjun tal-urina tal-imputat ġie mgħoddi lilu, u jżid illi da parti tiegħu huwa għaddieh direttament lil **Mr. Michael Scott-Ham** ġewwa l-Ingilterra sabiex issir l-analiżi fuq tali kampjun, liema analiżi rriżultat fin-negattiv. Mir-relazzjoni ta' **Michael Scott-Ham** esebita minn Dr. Mario Scerri u sussegwentement ikkonfermatha u esebita mill-ġdid f'dawn il-proċeduri minn Scott-Ham stess[19], jirriżulta illi "*From information detailed on a spreadsheet entitled "Toxicologies for Dr. Mario Scerri to take abroad" supplied to me by Dr. Mario Scerri I understand that a urine sample was taken from Frankie PACE on the 3rd September 2013 as part of a drug-screening procedure*"[20] (sottolinear tal-Qorti). Jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni illi dan il-kampjun ġie mgħoddi lilu nhar id-19 ta' Frar 2015 u fir-rigward jingħad ukoll fl-istess relazzjoni illi "*It should be noted that the sample was sent for analysis around 18 months after it had been taken and it is possible that some drugs may have been broken down during this time period, especially as it appears that the sample was not preserved.*"[21] Jirriżulta in oltre minn din ir-relazzjoni illi "*Using the tests employed in this instance it would normally be possible to detect compounds arising from the use of heroin and morphine for around 12 hours or so in a blood sample following the use of typical abuse amounts of the drugs... These times will be at least doubled in urine...*"[22] (sottolinear tal-Qorti). Finalment, mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi "*Tests*

[17] A fol. 107 tal-proċess.
[18] Ara a fol. 106 *et seq* tal-proċess.
[19] Ara din ir-relazzjoni a fol. 167 *et seq* tal-proċess.
[20] Ara a fol. 169 tal-proċess.
[21] Ara a fol. 171 tal-proċess.
[22] A fol. 171 tal-proċess.

*for all the above-mentioned drugs were negative*"[23], inklużi fil-lista ta' droga indikata "*opiate drugs such as heroin, morphine, codeine, dihydrocodeine and buprenorphine*"[24], kif ukoll illi "*The negative results show that Frankie PACE had not recently used any of the drugs for which tests were performed*".[25] Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, mistoqsi kemm iddum id-droga fis-sistema, **Scott-Ham** iwieġeb illi dan jiddependi mid-droga u li droga bħall-eroina u l-kokaina tista' ddum fis-sistema minn 36 siegħa sa 48 siegħa.[26]

Fir-rigward il-Qorti tosserva fl-ewwel lok illi s-Sur Michael Scott-Ham qatt ma ġie nominat bħala espert minn din il-Qorti kif diversament preseduta sabiex jagħmel l-analiżi in kwistjoni. Fil-fatt kif ingħad iżjed 'il fuq, il-Qorti innominat biss lil Dr. Mario Scerri, li jidher illi minn jeddu għadda l-kampjuni in kwistjoni lis-Sur Scott-Ham. Fir-rigward madankollu la l-Prosekuzzjoni u lanqas id-difiża ma qajjmu oġġezzjonijiet; anzi d-difiża ddikjarat illi kienet qed tistrieħ fuq din ir-relazzjoni qabel ma din ġiet ikkonfermatha minn Scott-Ham inniffsu.[27]

Issa l-Qorti tikkunsidra fir-rigward ta' din l-analiżi, illi skont l-istqarrija ġuramentata ta' Scicluna, liema stqarrija ttieħdet nhar it-30 ta' Awwissu 2013, fil-jum ta' qabel, ossia għalhekk fid-29 ta' Awwissu 2013, huwa daħħal kampjun tal-eroina, bejn wieħed u ieħor 0.3 grammi, ġewwa l-ħabs meta daħal bix-xogħol u għadda din l-eroina lill-imputat. Qed tqis ukoll imbagħad illi jekk huwa minnu dak li jirriżulta mir-relazzjoni ta' Michael Scott-Ham u dan fis-sens illi l-kampjun tal-urina tal-imputat ittieħed nhar it-3 ta' Settembru 2013 u ċioe` għalhekk l-għada tal-preżentata tal-imputat nhar it-2 ta' Settembru 2013 (hawnhekk il-Qorti tirrimarka illi la mix-xhieda ta' CO 162 Johann Degabriele u lanqas mix-xhieda ta' Dr. Mario Scerri ma tirriżulta d-data li fiha ttieħed dan il-kampjun lill-imputat), allura ċertament illi kienu għaddew ferm iżjed minn 48 siegħa (fl-aħjar ipotesi għall-imputat) bejn dakinhar li ġiet allegatament konsenjata lilu l-eroina minn Scicluna u dakinhar li tteħidlu l-kampjun tal-urina minn CO 162 Johann Degabriele. Dan apparti wkoll l-effetti fuq l-analiżi li seta' kellu t-trapass taż-żmien bejn it-teħid tal-kampjun u l-analiżi tiegħu, kif deskritt fir-relazzjoni ta' Scott-Ham. Il-Qorti għaldaqstant tqis illi dawn ir-riżultanzi ma jxejnu bl-ebda mod ix-xhieda ta' Scicluna fis-sens illi huwa kkonsenja d-droga eroina lill-imputat odjern nhar id-29 ta' Awwissu 2013.

Il-Qorti tqis ukoll illi x-xhieda ta' David Scicluna quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera, li permezz tagħha huwa kkonferma l-istqarrijiet tiegħu bil-ġurament, hija l-unika prova li nġabet fil-konfront tal-imputat odjern. Kif

[23] A fol. 170 tal-proċess.
[24] A fol. 169 tal-proċess.
[25] A fol. 171 tal-proċess.
[26] A fol. 165 tal-proċess. Ara x-xhieda a fol. 164 *et seq* tal-proċess.
[27] Ara a fol. 154 tal-proċess.

jirriżulta mill-kontro-eżamijiet tal-Ispettur Spiridione Zammit u tal-Ispettur Herman Mula, jirriżulta ċar illi sabiex xliet lill-imputat bl-imputazzjonijiet odjerni, il-Pulizija straħet biss u interament fuq dawn l-istqarrijiet ġuramentati. Altrimenti, kif taċċenna wkoll id-difiża fit-trattazzjoni finali tagħha, mill-kontro-eżamijiet imsemmija jirriżulta illi l-Uffiċjali Investigaturi la kkonfermaw il-frekwenza li biha jew il-jiem li fihom David Scicluna kien jagħmel konsenji ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, la min kienu l-Uffiċjali tal-Ħabs li kienu jagħmlu l-ordnijiet u jikkomunikaw ma' Scicluna dwar dawn il-konsenji, la jekk l-imputat ċempilx lil Scicluna mill-ħabs (f'dan is-sens l-Uffiċjali Investigaturi ma talbux telefonati mill-ħabs, għalkemm il-Qorti tinnota wkoll illi ma jirriżultax mid-dikjarazzjonijiet ġuramentati ta' Scicluna illi l-imputat kien ċempillu mill-ħabs), la jekk ġewwa l-i*stores* priġunier kellux aċċess sabiex iċempel għal barra, la kemm kien hemm priġunieri oħrajn li kienu jaħdmu fl-i*stores* u min kienu, u lanqas ma ġiet ordnata tfittxija fiċ-ċella tal-imputat wara l-akkadut. Jirriżulta wkoll illi ma saritx analiżi tal-*mobile phone* ta' Scicluna, stante illi dan minnufih irreġistra ammissjoni, jew illi saret verifika dwar xi rapport li allegatament kien għamel l-imputat fil-konfront ta' Scicluna mal-gwardjani tal-ħabs. In oltre għalkemm l-Ispettur Spiridione Zammit jixhed illi l-Prosekuzzjoni talbet filmati mill-ħabs, li kienu għadhom qed jiġu nvestigati, dawn baqgħu ma ġewx esebiti fil-proċeduri. Fir-rigward tar-rapport li allegatament għamel l-imputat fil-konfront ta' Scicluna, madankollu, il-Qorti tinnota wkoll illi d-difiża kellha kull opportunita` li ġġib prova f'dan ir-rigward, iżda dan baqgħet m'għamlitux.

Il-Qorti tqis illi x-xhieda ta' David Scicluna quddiem il-Maġistrat tal-Għassa ttieħdet ai termini tal-<u>Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta</u>, li jipprovdi hekk:

> (12) Waqt li tkun qed issir investigazzjoni ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-Pulizija Esekuttiva tista' titlob lil maġistrat biex jisma' bil-ġurament lil kull persuna li hija taħseb li għandha informazzjoni dwar dak ir-reat; u l-maġistrat għandu minnufih jisma' lil dik il-persuna bil-ġurament.
>
> (13) Għall-fini tas-smigħ bil-ġurament ta' persuna kif provdut fis-subartikolu (12) il-maġistrat ikollu l-istess setgħat li bil-liġi igħandha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala qorti istruttorja kif ukoll is-setgħat imsemmija fl-artikolu 554 tal-Kodiċi Kriminali; iżda dak is-smigħ għandu dejjem isir bil-magħluq.

Skont l<u>-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta</u>:

> Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull

> dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

Id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' David Scicluna, għalhekk, hija prova valida kontra l-imputat odjern ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, appena ċitat. Il-posizzjoni legali fir-rigward ta' tali dikjarazzjoni hija dik indikata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina** tas-26 ta' Mejju 2003, fejn ġie ritenut is-segwenti:

> "anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid tagħmel użu minn dikjarazzjoni ġuramentata meħuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola għandha tkun li min ikun għamel dik l-istqarrija għandu jinġieb fil-qorti biex l-imputat jew akkużat ikun jista' jikkontroeżaminah dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jiġi eżaminat jew kontro-eżaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni ġuramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittieħed bħala prova kontra l-akkużat; il-gudikant jista' xorta waħda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal għall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija ġuramenetata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bħala regola, min ikun għamel tali stqarrija ġuramentata għandu jinġieb il-qorti għall-fini ta' kontroll da parti tal-akkużat jew imputat...". [sottolinear ta' din il-Qorti]

Illi kollox jiddependi fuq il-kwistjoni tal-kredibilita` li għandha tingħata lix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni, David Scicluna. Skont l-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali:

> "...f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."

L-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi fi kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, għandu jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, jekk dik ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Ġie mbagħad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal neċessarjament għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata, imma l-

ġudikant irid jara lil min se jemmen u f'hiex se jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena msemmi (**Il-Pulizija vs Joseph Thorne,** Qorti tal-Appell Kriminali, 9 ta' Lulju 2003).

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrijiet ġuramentati ta' David Scicluna min-naħa l-waħda u x-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri min-naħa l-oħra, fejn kif ingħad irritratta mid-dikjarazzjonijiet ġuramentati tiegħu għal dak li kellu x'jaqsam mal-imputat odjern, b'dan illi kkonferma illi l-*Fucker* li rrefera għalih fid-dikjarazzjonijiet ġuramentati tiegħu u fix-xhieda quddiem il-Maġistrat tal-Għassa kien fil-fatt l-imputat odjern. Il-Qorti tqis illi dak li stqarr Scicluna lill-Pulizija Eżekuttiva fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu, u kkonfermati minnu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat tal-Għassa għandu mis-sewwa, kuntrarjament għax-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri. Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota minn qari tal-istqarrijiet tiegħu, illi Scicluna kien jaf ben tajjeb x'kien qiegħed jgħid u kif żvolġew il-fatti. Għalkemm WPS 101 Maria Scicluna tixhed illi fil-ħin tal-arrest tiegħu, Scicluna tant kien jidher eċitat li lanqas seta' jitkellem, dan ma jidhirx illi kien il-każ meta ttieħdet l-ewwel stqarrija tiegħu nhar it-30 ta' Awwissu 2013. F'dan il-kuntest, il-Qorti tinnota illi għalkemm Scicluna ġie mwaqqaf hekk kif kien dieħel il-ħabs għall-ħabta tat-3:00 p.m. jew it-3.15 p.m., l-ewwel stqarrija ittieħditlu fid-9:00 p.m. u għalhekk kienu għaddew numru ta' sigħat. Mhux talli l-istqarrija rilaxxjata minnu m'hijiex konfuża, iżda hija dettaljata ferm u fiha Scicluna jispjega eżattament, b'mod ċar u inekwivoku u b'mod sekwenzjali, kif żvolġew il-fatti li wasslu għall-każ tal-lum u dan kemm għal dak li kien jirriġwarda l-arrest tiegħu, kif ukoll għal dak li kien wassal sabiex huwa jidħol bid-droga eroina ġewwa l-ħabs bl-intiża li jgħaddiha lill-imputat. Id-dettal li jagħti Scicluna, b'mod partikolari fl-ewwel stqarrija tiegħu, ma jagħti assolutament l-ebda raġuni lill-Qorti sabiex tiddubita mill-istat li kien fih Scicluna meta rrilaxxja din l-istqarrija jew sabiex taħseb illi kien konfuż jew taħt xi effett ta' sustanzi lleċiti meta rrilaxxja din l-istqarrija, iżda għall-kuntrarju tali dettal juri illi Scicluna kien jaf eżattament x'kien qed jgħid. Mhux biss, il-Qorti tinnota wkoll illi fil-waqt li Scicluna nstab fil-pussess ta' borża bid-droga eroina, li huwa jistqarr illi kienet intiża għall-imputat odjern dakinhar li kien dieħel biha ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, huwa ma waqafx hemm, iżda provda iżjed dettal, li permezz tiegħu kompla jinkrimina ruħu ulterjorment billi stqarr ukoll illi fil-jum ta' qabel, huwa diġa` kien daħħal l-eroina ġewwa l-ħabs għall-istess imputat; fatt dan li ma kienx ikun magħruf mal-Pulizija li kieku mhux għax żvelah l-istess Scicluna. In oltre fit-tieni stqarrija tiegħu, imbagħad, nhar il-31 ta' Awwissu 2013, Scicluna reġa' kkonferma li kien għadda kampjun tal-eroina lill-imputat u dan b'referenza għall-jum ta' qabel l-arrest tiegħu ossia għalhekk fid-29 ta' Awwissu 2013 u li l-għada u ċioe` dakinhar li ġie arrestat, xtara l-eroina li nstabet fil-pussess tiegħu. Tqis ukoll id-dettal provdut minn Scicluna meta jgħid illi l-imputat qallu li kien se jċempillu mill-*mobile phone* li kellu fil-ħabs meta jkollu bżonn id-droga u li huwa wieġbu li ma kellux jagħmel dan għaliex beża' illi jekk l-imputat jinqabad

bil-*mobile phone*, isibu fuqu n-numru tiegħu. Il-Qorti hawnhekk tqis in oltre illi minkejja li Scicluna jitkellem dwar gramma eroina u dan fis-sens illi din kienet il-kwantita` ta' droga misjuba fil-pussess tiegħu u li kienet intiża għall-imputat odjern, meta fil-fatt skont ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut jirriżulta illi l-piż tal-istess kien ta' 0.57 grammi, dan lanqas ma jxejjen jew inaqqas il-kredibilita` ta' Scicluna. Dan qed jingħad għaliex *semmai* l-istess Scicluna żied l-ammont li huwa (mingħalih li) kellu u mhux naqqsu u għalhekk jekk xejn, dan seta' preġudika iżjed u mhux ivvantaġġja l-pożizzjoni tiegħu. Il-Qorti tqis ukoll illi hawnhekk si tratta ta' xhud li kellu l-vizzju tad-droga, kif jirriżulta b'mod ċar mill-fatt illi fil-vettura tiegħu nstab ukoll flixkun bil-*methadone* u kif wara kollox ammess minnu stess fl-istqarrija tiegħu, li kellu aċċess għall-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin fuq bażi pjuttost regolari u li kien jiltaqa' mal-imputat odjern meta jidħol bix-xogħol fil-ħabs. Fil-fehma tal-Qorti, il-verżjoni ta' Scicluna għandha mis-sewwa, hija kredibbli u verosimili għall-aħħar u dan kuntrarjament għax-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri.

Għall-kuntrarju fil-fatt fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, Scicluna kien evażiv għall-aħħar u retiċenti ferm u ttenta jġib kull skuża possibbli sabiex jiġġustifika l-fatt illi kien qed jirritratta mill-verżjoni oriġinarjament mogħtija minnu. Ix-xhieda tiegħu hija tipika ta' ħafna xhieda bħalu li jirritrattaw mill-verżjoni oriġinali tagħhom, f'ċirkostanzi, komuni ħafna, li fihom xhud jirrifjuta li jikkonferma dak li jkun stqarr bil-ġurament preċedentement fil-konfront ta' terza persuna, din id-darba fil-presenza tal-istess persuna. Fil-fatt sa mill-bidu nett tax-xhieda tiegħu, Scicluna jibda billi jgħid illi meta rrilaxxja l-istqarrija tiegħu nhar it-30 ta' Awwissu 2013, huwa kien konfuż ħafna peress illi kien sar kollox malajr, kien taħt l-effett tal-*methadone* u tal-eroina wkoll (għalkemm wara jgħid ukoll illi kien mingħajr il-*methadone* u li kien *sick*, filwaqt illi iżjed tard jgħid ukoll illi l-Pulizija ħaduh għall-*methadone,* iżda dan ma kienx biżżejjed), u mistoqsi x'kien stqarr mal-Pulizija, jixhed illi ma jiftakarx eżatt, u lanqas ma kien jiftakar eżatt jekk kienx semma' lill-imputat magħhom; anzi ma kellux idea għalfejn semmieh, illi ma jiftakarx lill-persuni li semma' mal-Pulizija u li l-imputat u hu qatt ma tkellmu fuq droga, filwaqt illi iżjed tard jixhed ukoll illi hu u l-imputat ġieli tkellmu fuq droga bejniethom, iżda mhux sabiex idaħħallu d-droga l-ħabs. Skont hu, il-Pulizija tant insistew miegħu illi dan ma kienx każ ta' droga għall-użu personali, illi fl-aħħar bħal kellu jċedi u "*kelli nnizzilha, nghidha bhala traffikar*"[28]. Jixhed illi madankollu d-droga kienet intiża għalih, għalkemm ma riedux jemmnuh. In kontro-eżami jixhed ukoll illi ma kien għadda l-ebda kampjun tal-eroina lill-imputat. Jixhed illi żbalja u ried jeħlisha ħafif u ndika lill-imputat minn jeddu għax lilu biss kien jaf b'ismu. Fir-rigward ta' din ix-xhieda, il-Qorti tinnota wkoll illi minkejja l-iskużi kollha li x-xhud ġab sabiex jinnega dak li kien iddikjara u xehed oriġinarjament fir-rigward tal-imputat odjern, mill-banda

[28] A fol. 127 tal-proċess.

l-oħra fir-rigward tat-tieni stqarrija rilaxxjata minnu fejn *inter alia* kixef lill-persuna li mingħandha kien akkwista din id-droga, mingħajr ebda eżitazzjoni u tlaqliq, huwa mill-ewwel iwieġeb "*Din all right imma*" u "*Dik nikkonfermaha*".[29] Donnu hawnhekk Scicluna nesa li kien taħt l-effett tal-*methadone* u tal-eroina jew illi kien mingħajr il-*methadone* jew illi sar kollox bl-għaġġla u li kien konfuż meta rrilaxxja din l-istqarrija! Fir-rigward il-Qorti tinnota wkoll illi anke hawn, f'din it-tieni stqarrija, Scicluna kien reġa' kkonferma illi huwa ta kampjun ta' eroina lil *Fucker* fil-jum tat-Tlieta ossia l-jum qabel ġie arrestat. Jixhed in oltre illi minkejja li ngħata d-dritt li jottjeni parir legali, żbalja li rrifjuta dan id-dritt, ma ħax l-aħjar deċiżjoni, anke għaliex ma ħallewhx jagħmel telefonati sabiex jara x'kien l-aħjar li jagħmel u issa jiddispjaċih[30].

Fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet ġuramentati ta' Scicluna, fit-trattazzjoni finali tagħha d-difiża tqajjem lanjanza u dan fis-sens illi fiż-żmien li rrilaxxja l-istqarrijiet tiegħu, Scicluna ma kellux il-jedd li jkun assistit minn avukat u għalhekk ġew leżi d-drittijiet tiegħu. Tistaqsi d-difiża dwar dawn l-istqarrijiet, il-fatt illi sussegwentement dawn ġew ġuramentati minnu, b'daqshekk ifisser illi dawn ittieħdu b'mod leġittimu?

Fir-rigward il-Qorti tqis illi meta rrilaxxja l-istqarrijiet tiegħu fit-30 u fil-31 ta' Awwissu 2013 rispettivament, David Scicluna għażel li jirrifjuta li jeżerċita d-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorji tiegħu. Stante illi dawn l-istqarrijiet ittieħdu fis-sena 2013, Scicluna ma kellux, u għalhekk ma jirriżultax illi ngħata lilu, il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt li tteħdulu dawn l-istqarrijiet, liema jedd kif ingħad daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016. Il-Qorti tqis ukoll madankollu illi matul ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, Scicluna ma llanjax mill-fatt illi ma ngħatax lilu dan il-jedd, iżda jgħid sempliċiment illi żbalja meta għażel illi ma jikkonsultax ma' avukat qabel l-interrogatorji tiegħu. Mill-banda l-oħra, il-Qorti tinnota wkoll illi jirriżulta hekk mix-xhieda tal-istess David Scicluna quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar il-31 ta' Awwissu 2013:

> "Ghadni kemm gejt infurmat mill-Magistrat li ghand dritt ma inwegibx ghad-domandi li ser isiruli u dak li ser nghid ser jitnizzel bil-miktub u jingieb bhala prova. Naghzel li nixhed u nikkopera. <u>Nghid ukoll li jiena diga` kellimt avukat dwar dan il-kaz</u>."[31] [sottolinear tal-Qorti]

Dan ifisser illi kuntrarjament għal dak li xehed f'dawn il-proċeduri, qabel ikkonferma l-istqarrijiet tiegħu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat tal-Għassa,

[29] Ara a fol. 131 tal-proċess.
[30] Ara madankollu dak li jirriżulta mill-proċess verbal dwar ix-xhieda ta' Scicluna quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera, kif se jingħad iżjed 'l isfel.
[31] Ara a fol. 14 tal-proċess verbal.

Scicluna ikkonsulta ma' avukat. Il-Qorti qed tqis ukoll fir-rigward illi permezz tal-istqarrijiet irrilaxxjati minnu, kif konfermati minnu bil-ġurament, Scicluna ma nkriminax biss lill-imputat, iżda nkrimina ruħu wkoll billi b'dak li stqarr, huwa rrenda ruħu ħati *inter alia* ta' traffikar u pussess aggravat tad-droga eroina. Jirriżulta wkoll mill-provi prodotti illi fl-istess jum illi huwa kkonferma l-istqarrijiet tiegħu bil-ġurament huwa tressaq b'arrest quddiem il-Qorti u ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. La jirriżulta illi Scicluna llanja li ġew leżi d-drittijiet tiegħu quddiem il-Maġistrat tal-Għassa u lanqas quddiem il-Qorti li tressaq quddiemha; anzi mhux biss ma lmentax minn xi ksur tal-jeddijiet tiegħu, iżda filwaqt illi kien assistit minn avukat waqt il-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tiegħu, huwa ammetta għall-imputazzjonijiet li ġie mixli bihom. Lanqas ma jirriżulta mill-atti illi l-istess Scicluna ttenta jiftaħ xi proċeduri sabiex jattakka l-validita` tal-istqarrijiet rilaxxjati minnu waqt li kien qed jiskonta l-piena tiegħu. Kien biss fil-mori tal-proċeduri odjerni illi huwa ttenta jitfa' dubju dwar dak li kien xehed quddiem il-Maġistrat tal-Għassa. F'dan il-kuntest il-Qorti qed tqis ukoll illi fil-proċeduri odjerni l-imputat kien debitament assistit u kellu l-fakulta` li jagħmel il-kontro-eżami ta' Scicluna, kif fil-fatt għamel, biex b'hekk isostni bl-aħjar mod id-difiża tiegħu. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi d-dikjarazzjonijiet ġuramentati ta' Scicluna jagħmlu prova valida u ammissibbli fil-konfront tal-imputat odjern.

Il-Qorti m'għandhiex wisq xi tgħid iżjed dwar ix-xhieda ta' Scicluna f'dawn il-proċeduri, għajr illi huwa evidenti illi din m'għandhiex mis-sewwa u illi meta mqabbla mad-dikjarazzjonijiet ġuramentati tiegħu huwa evidenti wkoll, għar-raġunijiet fuq indikati, illi l-verita` hija dik kontenuta fid-dikjarazzjonijiet ġuramentati minnu, biex b'hekk jirriżulta ppruvat, fil-grad rikjest mil-liġi, illi nhar id-29 ta' Awwissu 2013, Scicluna għadda kampjun tal-eroina lill-imputat ġewwa l-ħabs u illi l-eroina fil-pussess ta' Scicluna dakinhar tat-30 ta' Awwissu 2013 kienet intiża għall-istess imputat.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat odjern qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess tad-droga eroina u dan b'referenza għat-30 ta' Awwissu 2013 u matul il-ġimgħat ta' qabel din id-data, ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin.

Kif ingħad, fid-dikjarazzjonijiet ġuramentati tiegħu, Scicluna stqarr illi huwa għadda l-eroina, f'piż ta' madwar 0.3 gramma, lill-imputat ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin nhar id-29 ta' Awwissu 2013. F'dan il-kuntest il-Qorti tqis

illi ċ-ċitazzjoni odjerna tirreferi għat-30 ta’ Awwissu 2013, kif ukoll għall-ġimgħat ta’ qabel din id-data. Ġimgħat tinkludi wkoll jiem u għaldaqstant, il-Qorti tqis illi permezz tad-dikjarazzjonijiet ġuramentati ta’ Scicluna, jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi fiż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni odjerna, l-imputat kien fil-pussess tad-droga eroina ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta’ Kordin.

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat talli ttenta jagħmel reat kontra din l-Ordinanza, jew ħajjar jew ġiegħel persuna oħra tagħmel dak ir-reat ai termini tal-Artikolu 22(5) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

L-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta jaqra hekk:

> Kull min jittenta jagħmel reat kontra din l-Ordinanza, jew iħajjar jew iġiegħel persuna oħra tagħmel dak ir-reat, jeħel, meta jinsab ħati, mingħajr preġudizzju ta’ kull responsabbiltà oħra, l-istess piena u konfiska daqs li kieku ikkommetta reat taħt din l-Ordinanza.

Illi kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-25 ta’ Jannar 2023, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Malcolm Joseph Falzon**:

> “...l-artikolu 22(5) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, fir-reati dwar id-droga, jeleva l-att inkriminatorju konsistenti biss fit-tentattiv, għal dak ta’ reat ikkunsmat. Huwa minnu ukoll, kif tajjeb tikkonkludi l-Ewwel Qorti, illi din id-disposizzjoni tal-liġi waħedha ma titkellmix fuq ir-reat fih innifsu.”

U kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) tat-8 ta’ Jannar 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ronald Psaila**:

> Is-subartikolu (5) tal-Artikolu 22 ma johloqx ir-reat jew il-figura tat-tentattiv, izda semplicement jipparifika, ghall-finijiet ta’ piena, it-tentattiv ta’ kull reat kontra l-Kap. 101 (kif ukoll certi forom ta’ komplicita` -- fid-dawl ta’ l-Artikolu 43 tal-Kap. 9, hemm certament element ta’ suprefluwita`) mar-reat ikkunsmat.”

Għalhekk kull ma jagħmel is-sub-artikolu (5) tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, huwa illi in kwantu jirrigwarda l-piena, iqiegħed it-tentattiv ta’ kull reat kontra l-Ordinanza fuq l-istess livell tar-reat ikkunsmat u jistabilixxi l-istess piena għal ċerti forom ta’ kompliċita` dwar reati kontra l-istess Ordinanza bħal dik stabbilita għall-awtur. Dan is-sub-artikolu għalhekk ma joħloqx reat kontra l-Ordinanza. Minn qari ta’ din l-imputazzjoni jirriżulta ċar illi l-imputat ġie akkużat bit-tentattiv ta’ reat kontra l-Ordinanza jew bil-kompliċita` ta’ reat kontra l-istess Ordinanza, fil-forom hemm indikati. Madankollu l-Prosekuzzjoni baqgħet la indikat ir-reat li tiegħu l-imputat allegatament ikkometta tentattiv u

lanqas ir-reat li fih l-imputat kien allegatament kompliċi fit-termini tal-istess artikolu. L-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi tagħti lok għal iżjed minn reat wieħed u ċertament illi mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li tindaga fl-atti jew fl-istess Ordinanza sabiex tasal għar-reat li kellha f'moħħha l-Prosekuzzjoni meta xliet lill-imputat b'din l-imputazzjoni, biex tissupplimenta għan-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tindika hi stess ir-reat li ttenta jikkometti l-imputat jew ir-reat li fih l-imputat kien kompliċi. B'dan ukoll illi jekk il-Qorti kellha tindaga u tiddeċiedi hi f'dan l-istadju għal-liema reat qed tirreferi l-Prosekuzzjoni, id-difiża tiġi preġudikata billi qatt ma kienet f'posizzjoni li tiddefendi ruħha minn din l-imputazzjoni. Huwa bażilari illi jeħtieġ illi d-difiża tkun edotta mhux biss mill-fatt allegati fil-konfront tal-imputat, iżda wkoll bir-reati li qed jiġi akkużat bihom.

Għaldaqstant, l-imputat mhux qed jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni.

Permezz tat-<u>tielet imputazzjoni</u>, l-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli bħala persuna li mhux impjegata fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, mingħajr l-awtorita` leġittima, daħħal jew ipprova jdaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett, ikun li jkun, li huwa pprojbit skont xi regolamenti magħmula skont dan l-Att, jew ġarr jew ipprova jġorr xi oġġett bħal dak barra minn xi ħabs, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Ħabs, Kapitolu 260 tal-Liġijiet ta' Malta, jgħid hekk:

> (1) Meta xi persuna, li ma tkunx uffiċjal tal-ħabs jew persuna oħra mpjegata fil-ħabs, mingħajr l-awtorità leġittima, iddaħħal jew tipprova ddaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett ikun li jkun li hu pprojbit skont xi regolamenti magħmula skont dan l-Att, jew iġġorr jew tipprova ġġorr xi oġġett bħal dak barra minn xi ħabs, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94).
>
> (2) Meta l-oġġett li jidħol jew li sar attentat biex jidħol f'ħabs kif intqal qabel ikun arma regolari kif imfisser fl-artikolu 64 tal-Kodiċi Kriminali, jew xi sustanza esplużiva kif imfisser fl-artikolu 314 tal-Kodiċi Kriminali, jew xi likwidu jew sustanza li taħraq jew korrużiva, jew xi mediċina li tkun mediċina perikoluża skont l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew li tkun mediċina li hi kontrollata b'regolamenti magħmula taħt l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-piena tkun priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn xahar u mhux iżjed minn tmintax-il xahar kemm-il darba ma jkunx hemm provduta piena ogħla taħt xi liġi oħra.

Kif ingħad, jirriżulta ċar illi fid-29 ta' Awwissu 2013, David Scicluna daħħal id-droga ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u għaddiha lill-imputat filwaqt illi kien qed jikkonsenja x-xogħol ġewwa l-i*stores* tal-istess Faċilita`. M'hemmx

dubju illi fil-mument li huwa għamel dan, huwa kien jinsab fil-konfini tal-ħabs, fit-termini tal-artikolu ċitat, kif lanqas ma hemm dubju illi mix-xhieda tal-istess Scicluna jirriżulta illi din kienet droga eroina u għalhekk mediċina perikoluża skont l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi. Jirriżulta wkoll in oltre illi l-għada l-istess Scicluna pprova jdaħħal id-droga eroina li nstabet fil-pussess tiegħu ġewwa l-ħabs, ukoll bl-intenzjoni li jgħaddiha lill-imputat odjern.

Dwar dan fl-istqarrija ġuramentata tiegħu tat-30 ta' Awwissu 2013, Scicluna jgħid illi d-droga li nstabet fil-pussess tiegħu kienet għall-*'Fucker'*. Ikompli hekk:

> "...xi jumejn ilu meta dhalt bix-xoghol il-fucker ghamilli proposta biex indahhallu xi haga billi sabni f'xi hin wahdi filwaqt li konna qieghdin inhottu l-vann. Hu talabni kampjun ta l-eroina bejn wiehed u iehor 0.3 ta' gramma u lbierah meta dhalt b'xi xoghol il-habs, dahhalt mieghi il-kampjun tal-eroina u waqt li konna qieghdin inhottu x-xoghol gie l-'fucker' jghini nhott u ghaddejtlu l-kampjun f'idu baxx baxx. Hu qalli li ha jcempilli hu minn fuq il-mobile li ghandu gewwa l-habs biex meta jkollu bzonn id-droga indahhalielu. Jiena rrispondejtu billi ma jcempillix bin-numru tal-mobile illi qieghed il-habs ghax jekk isibuwulu nibza li jsibu n-numru tieghi. Hu qalli li jibda jiltaqa mieghi xi hadd barra, ihallasni u tal-ammont ta' flus li jtini meta jkun imissni biex indahhal ix-xoghol, indahhallu id-droga eroina. Hu tkellem mieghi li jixtri l-eroina bil-mitt euro il-gramma. Jien accettajt dan il-ftehim u qalli biex ingiblu xi haga zghira ghal llum..."
>
> ...
>
> "Hu fil-bidu li qbadna il-kunfidenza kien jghidli x'se ggibilna tajjeb. Jien kont nghidlu "xi tridni ngiblek tajjeb? Flokk, cake, gallettini?" u it-tieni darba li staqsieni qalli le xejn minn dan, mil-kannella gibli, u jien fhimtu mill-ewwel li qieghed jirreferi ghall eroina. Jien ghidtlu "ma tarax, mela ma tafx x'int tghid!" Id-drabi ta' wara baqa jiffittani u jippersisti u jien fl-ahhar accettajt u pproponieli dak li semmejtli qabel."[32]

L-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk:

> Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija -
>
> ...
>
> (b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt;

[32] A fol. 7 tal-proċess verbal.

Kif jgħid il-Professur Mamo fin-noti tiegħu:

> "*A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence...*".
>
> ...
>
> *There cannot be a 'concursus delinquentius' without a common design to commit a specific offence.*"[33]

Huwa evidenti mill-provi prodotti illi għalkemm ma kienx l-imputat li daħħal jew ipprova jdaħħal id-droga eroina ġewwa l-ħabs, kien hemm "*common design*" bejnu u bejn Scicluna sabiex dan tal-aħħar idaħħal l-istess droga fil-ħabs a benefiċċju tal-imputat. In oltre jirriżulta wkoll ċar illi Scicluna fil-fatt wettaq dan ir-reat billi daħħal u anke pprova jdaħħal id-droga l-ħabs u għalhekk jissussisti l-element l-ieħor li jsemmi l-Professur Mamo fin-noti tiegħu fis-sens illi "*...participation in an offence cannot be punished unless an offence has in fact been committed*".[34]

Fil-fehma tal-Qorti, mill-fatti kif spjegati mill-istess Scicluna, jirriżulta illi l-imputat ġiegħlu, li fit-test Ingliż hija tradotta bil-kelma "*instigates*" sabiex idaħħal id-droga eroina fil-ħabs billi wegħdu li jħallsu mitt ewro għal kull gramma eroina u dan billi jiltaqa' miegħu xi ħadd barra l-ħabs u jħallsu.

Għaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati bħala kompliċi fir-reat mertu tat-tielet imputazzjoni.

Permezz tar-raba' imputazzjoni, l-imputat ġie addebitat ukoll bir-reċidiva b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela** tal-10 ta' Settembru 2004:

> "Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-

[33] *Lectures in Criminal Law (First Year),* Paġna 124 u 125.
[34] Paġna 126 tal-imsemmija noti.

> konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."

Madankollu, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma esebiet l-ebda sentenza sabiex issostni din l-imputazzjoni.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi dan l-addebitu ma ġiex sodisfaċentement ippruvat.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa Novembru tas-sena 2020, liema fedina penali hija waħda refrattarja ferm, tant illi fiha xejn inqas minn sebgħa u erbgħin faċċata u mil-liema jirriżulta illi l-imputat instab ħati ta' diversi reati fosthom reati kontravvenzjonali, tentattiv ta' serq aggravat (f'iżjed minn okkażżjoni waħda) u kompliċita` fit-tentattiv tal-istess reat, serq aggravat (f'diversi okkażżjonijiet), ħsara volontarja (f'diversi okkażżjonijiet), pussess tad-droga eroina (f'ħames okkażżjonijiet), sekwestru ta' persuna kontra l-liġi, ksur ta' liberazzjoni kundizzjonata u ta' Ordni ta' *Probation* u talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, talli ħarab mill-kustodja tal-persuna inkarigata mill-kustodja tiegħu fit-termini tal-Artikolu 151 tal-Kodiċi Kriminali, falsifikazzjoni ta' dokumenti u użu tal-istess, frodi b'egħmil qarrieqi u riċettazzjoni. Dwar dawn l-imputat ingħata liberazzjoni kundizzjonata darbtejn, tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* erba' darbiet, ingħata sentenza ta' priġunerija sospiża darbtejn, piena ta' priġunerija effettiva tlettax-il darba u pieni pekunjarji. Mill-istess fedina penali jirriżulta wkoll illi l-aħħar reati kommessi mill-imputat jirrisalu għas-sena 2004.
Il-Qorti qed tqis ukoll in-natura serja tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, iċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluż l-ammont ta' droga nvoluta, kif ukoll illi huwa kien jinsab detenut fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin fiż-żmien li wettaq dawn ir-reati u illi għalhekk huma applikabbli fil-konfront tiegħu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali. Dan ifisser illi l-piena applikabbli <u>għandha</u> tiżdied bi grad jew tnejn, u d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikawx. Tqis in oltre illi fit-termini tal-Artikolu 43 tal-Kodiċi Kriminali, "*Barra minn meta l-liġi tgħid xort'oħra, il-kompliċi f'delitt jeħel il-piena stabbilita għall-awtur*".

Qieset in oltre illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2013, kif ukoll illi għalkemm parti mid-dewmien kien dovut għall-imputat jew għall-avukat difensur tiegħu, tali dewmien ma kienx biss imputabbli lill-istess imputat.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(h), 33A, 42(b) u 43 tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Frankie Pace** mhux ħati tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qed tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u qed tikkundannah għall-piena ta' **ħmistax-il (15) xahar priġunerija effettiva**, mil-liema għandu jitnaqqas iż-żmien illi huwa nżamm taħt arrest preventiv biss in konnessjoni mal-każ odjern (jekk dan kien il-każ).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' nofs l-ispejjeż[35] konnessi mal-ħatra tal-esperti maħtura fil-mori tal-proċess verbal tal-inkjesta u ċioe` nofs l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti għas-somma ta' erbgħa u tmenin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€84.96) u nofs l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni konġunta tas-*Scene of Crime Officers* PS 46 Charlot Casha u PS 1184 Patrick Grech, ammontanti għas-somma ta' tmienja u għoxrin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€28.81), liema spejjeż jammontaw b'kollox għas-somma ta' mija u tlettax-il ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€113.77) u għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt (6) xhur mil-lum. Il-Qorti tinnota illi minkejja li fil-mori tal-inkestja ġie maħtur ukoll Vincent Ciliberti bħala espert, huwa baqa' ma ġiex imħarrek sabiex jippreżenta r-relazzjoni tiegħu f'dawn il-proċeduri.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti relatati mad-droga esebiti f'dawn il-proċeduri, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

Oriana Deguara

[35] Il-Qorti qed tikkundanna lill-ħati jħallas nofs l-ispejjeż stante illi fl-istess każ kienet involuta wkoll terza persuna ossia David Scicluna.

Deputat Reġistratur